MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 32/2009/1

**Josephine *sive* Joyce Camilleri;**
**Salvatore *sive* Saviour Caruana; Teresa Caruana;**
**Marianna *sive* Miriam Frendo; Filippa *sive* Phyllis Briffa;**
**Agnes D'Anastasi**

**v.**

**Rita Casha**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-20 ta’ April, 2009 bil-procedura sommarja ai termini tal-Artikoli 167 *et seqq.* tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili fejn it-talba attrici ghall-izgumbrament tal-konvenuta giet milqugha bl-ispejjez kontra l-konvenuta u dan wara li t-talba tal-konvenuta biex tikkontesta l-kawza ma gietx accettata billi ma wrietx li ghandha eccezzjonijiet x’taghti.

**<u>L-appell tal-konvenuta</u>**

2. Il-konvenuta hassitha aggravata bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponiet appell minnha b’rikors prezentat fis-7 ta’ Mejju 2009.

3. Fil-qosor, l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti:

- Illi l-appellanta tilmenta minn nuqqas proceduràli bi ksur tal-Artikolu 168 tal-Kap. 12 u cioe` ksur tal-obbligu ta’ appellati li jinnotifikaw lill-appellanti b’kull dikjarazzjoni inkluz dak kollu kontenut fl-artikolu 167 tal-Kap. 12 u senjatament l-affidavit ta’ xi hadd mir-rikorrenti appellati.

- Fit-tieni aggravju l-appellanti tghid li hemm ksur tal-Artikolu 169 tal-Kap. 12 billi (i) ir-rikors ma giex notifikat lill-appellanti bla dewmien u di piu (ii) hija kellha titharrek biex tidher quddiem il-Qorti mhux aktar kmieni minn 15-il jum u mhux aktar tard minn 30 jum min-notifika. F’dan il-kaz ghaddew aktar minn 30 jum min-notifika. Inoltre f’dan il-kaz il-Qorti ma tat ebda provvediment biex tara li d-drittijiet tal-intimata ma jkunx pregudikati kif jistipula l-Artikolu 169 tal-Kap. 12.

- Fit-tielet aggravju l-appellanti tissottometti li hija kienet spjegat lill-Ewwel Qorti li hija kellha titolu validu fil-forma ta’ kirja, ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha *prima facie* provi sufficjenti biex tawtorizzaha tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha u anke eccezzjonijiet ta’ natura legali fuq il-kompetenza o meno tal-Ewwel Qorti.

- Fl-ahharnett l-appellanta tilmenta li fit-talbiet tal-appellati hemm nieqsa talba biex l-Ewwel Qorti tiddikjara li l-appellanta qed tokkupa l-fond mertu tal-kawza bla titolu validu.

4. Ghaldaqstant l-appellanta talbet r-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u c-cahda tat-talbiet attrici u in vista ta' dan tordna li l-kawza terga' tinstema mill-Ewwel Qorti.

**<u>Risposta tal-atturi appellati</u>**

5. L-appellati wiegbu li, ghar-ragunijiet minnhom premessi, s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata prevja c-cahda tal-appell tal-konvenuta bl-ispejjez kontra taghha.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

6. Illi l-procedimenti sommarji kontemplati fl-Artikolu 167 *et seqq.* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huma proceduri specjali permessi f'cirkostanzi partikolari fejn tista' issir talba biex tinghata decizjoni skont it-talba, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, sakemm il-konvenut ma jressaqx provi li jissodisfaw lill-Qorti li huwa ghandu eccezzjonijiet *prima facie* fil-ligi u fil-fatt xi jgib kontra l-mertu tal-azzjoni biex jaghtuh il-jedd li jopponi t-talba.

7. F'dan l-istadju hu opportun li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza **Grima v. Camilleri** deciza fil-31 ta' Jannar 2003 dwar l-ezami li trid taghmel il-Qorti fuq il-validita` tal-pretensjoni tal-konvenut b'mod li tista' *prima facie* takkordalu d-dritt li jikkontesta t-talba:

"Id-diskrezzjoni li taghti l-ligi lill-gudikant li jippermetti jew le li kawza sommarja tigi kontestata, ghandha tigi ezercitata bi grad gholi ta' kawtela stante li tista' tigi michuda l-possibilita` lill-konvenut li jikkontesta t-talba maghmula kontrih u jigi rinfaccat b'sentenza wara ezami *superficjali* tal-fatti tal-kawza minghajr ma jkollu l-provi

proprji quddiemu. Il-gudikant ghalhekk jrid jizen sew l-posizzjoni tal-konvenut u fid-dubbju ghandu jiffavorixxi l-kontestazzjoni”.

8. Illi din il-kawza bil-giljottina giet prezentata fil-14 ta’ Jannar 2009 u appuntata bhala l-ewwel dehra fid- 9 ta’ Frar 2009. Saru diversi tentattivi biex il-konvenuta tigi notifikata izda r-riferta kienet tkun “ma fetah hadd”[1]. B’dikriet tat-2 ta’ Marzu 2009 il-Qorti ordnat li l-konvenuta tigi notifikata wara l-hinijiet legali u f’kaz ta’ ezitu negattiv bil-procedura t’affissjoni u pubblikazzjoni. Eventwalment il-konvenuta giet notifikata fit-13 ta’ Marzu 2009 u fis-17 ta’ Marzu 2009 hi pprezentat nota li biha infurmat lill-Qorti li kienet bi hsiebha tikkontesta t-talbiet attrici stante li ghandha titolu validu skont il-ligi[2]. Fis-seduta tal-20 ta’ April 2009 l-Ewwel Qorti semghet lill-konvenuta tixhed bil-gurament, izda billi rrizulta lill-Qorti li l-konvenuta ma kellha l-ebda eccezzjoni xi tressaq ipposponiet il-kawza ghas-sentenza u dakinhar laqghet it-talbiet attrici.

9. **L-ewwel aggravju** tal-appellanta jirrigwarda allegatl nuqqasijiet procedurali bi ksur tal-Artikoli 167 u 168 tal-Kap. 12. Din il-Qorti tirrileva li skont ir-riferta tat-13 ta’ Marzu 2009 a fol. 45 a tergo jidher li l-konvenuta giet notifikata b’kopja tar-rikors guramentat, affidavit, 5 dokumenti, Avviz ghas-smigh tal-kawza bid-drittijiet u digriet. Illi jirrizulta ampjament ippruvat li l-konvenuta giet notifikata kif imiss u ghalhekk l-aggravju taht l-Artikoli 167 u 168 mhux gustifikat.

10. Kwantu ghat-**tieni aggravju** rigwardanti l-allegat ksur tal-artikolu 169 tal-Kap 12 din il-Qorti thoss li f’dan il-kaz ma sarx xejn kontra l-ligi. Il-konvenuta l-ewwelnett ma tistax tilmenta b’dewmien, meta kien in-nuqqas taghha stess li wassal biex hi tigi notifikata tardivament stante li hi ma kinitx tiftah u b’hekk kellhom isiru diversi attentati u spejjez ohra biex hija tigi notifikata. Jekk in-notifika saret oltre t-termini stabbiliti mill-ligi zgur li ma kienx tort tar-rikorrenti. Inoltre jigi rilevat li wara li l-konvenuta dehret quddiem l-Ewwel Qorti hija kellha kull opportunita’ li

[1] Ara riferti tal- 26/1/2009 u 23/2/2009.
[2] Ara fol. 46.

tqajjem xi skorrettezzi fil-proceduri li deherilha li seta' kien hemm izda fil-fatt dan ma ghamlitux u l-kontestazzjoni taghha kienet biss fis-sens li hija kellha titolu validu fil-ligi[3]. L-Ewwel Qorti semghet lill-konvenuta u taghtha l-opportunita' kollha li tressaq kull ilment li kellha. Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi michud ukoll.

11. L-istess argument ighodd ukoll ghat-**tielet aggravju** fejn il-konvenuta qed tghid li kellha eccezzjonijiet xi tressaq dwar il-kompetenza tal-Qorti. Din l-eccezzjoni pero` qatt ma giet sollevata quddiem l-Ewwel Qorti meta l-konvenuta xehdet quddiemha fejn hi semmiet biss il-kwistjoni tat-titolu. Din l-eccezzjoni ssemmiet biss l-ewwel darba quddiem din il-Qorti. Wiehed ma jridx jinsa' wkoll li l-konvenuta kellha assistenza legali quddiem l-Ewwel Qorti u l-eccezzjonijiet ta' natura legali setghu tqajmu hemmhekk.

12. Kwanu ghar-**raba' aggravju** din il-Qorti taghmel referenza ghal diversi sentenzi ta' dawn il-Qrati fejn gie deciz li t-talba ghal kundanna tista` timxi waheda meta jkun car li fiha tkun implicita talba ghal-dikjarazzjoni ta` responsabilita`. (Ara **Seychell et vs Galea**, deciza minn din il-Qorti fit-22 ta` Marzu, 1982). Fil-kawza **Dr.G.Vassallo et vs J.Sammut** deciza fit-12 ta' Marzu 1990, intqal li mhux necessarju, f`kawza ta` zgumbrament ic-citazzjoni jkollha dikjarazzjoni li l-konvenut qed jokkupa l-fond bla titolu billi din il-kwistjoni hija implicita fit-talba ghall-izgumbrament[4]. F`din il-kawza intqal ukoll illi *"id-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu m`hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta` domandi, izda huwa bizzejjed li ssir talba biex tigi moghtija kull dikjarazzjoni mehtiega skont il-prattika kostanti tal-Qrati taghna"*.[5]

13. Finalment **fil-mertu** u senjatament fir-rigward ta' dik il-parti tat-**tielet aggravju** fejn il-konvenuta tghid li hija kienet eccepiet li kellha titolu validu ta' kirja skont il-ligi, l-

[3] Ara App. T.A.L.Ltd v. Balzan deciz fit-30 ta' Mejju 2008 u Vella Moran v. Abela 30 ta' Mejju 2008.
[4] Ara wkoll **"Zammit v. Zammit Tabona"**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta` Marzu, 1996.
[5] **Gasan v. Spiteri**: Vol XXX111-1-666; **Dragi v. Micallef** Vol XLC p 690.

appellanta ssostni li l-Ewwel Qorti kellha bizzejjed fuq hiex tawtorizzaha tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha.

14. Illi fil-kaz in ezami l-Ewwel Qorti semghet lill-konvenuta tixhed li qalet li hija kienet tghix mal-genituri taghha u kienet thallashom il-kera. Hi kienet taf li l-genituri taghha gew zgumbrati b'sentenza tal-Qorti izda sostniet li l-atturi kienu dahqu b'missierha[6].

15. Mid-dokumenti ezibiti jirrizulta li l-genituri tal-konvenuta, li maghhom hija kienet tghix kienu gew zgumbrati b'sentenza tas-27 ta' Mejju 2005 u din giet konfermata b'sentenza ohra tat- 18 ta' Novembru 2008 wara li saret ritrattazzjoni tal-istess sentenza.

16. Illi l-konjugi Casha kienu ddepozitaw permezz ta' cedola c-cwievet tal-post in kwistjoni biex jigu liberament irtirati mill-atturi, izda meta gew biex jiehdu l-post lura dawn sabu lill-konvenuta li kienet qed tippretendi li kellha titolu fuq il-post.

17. L-Ewwel Qorti deherilha li fic-cirkostanzi l-konvenuta ma kelliex fuqhiex tikkontesta t-talba attrici billi l-genituri taghha kienu rrilaxxjaw il-post wara l-izgumbrament u ghalhekk ghaddiet biex taghti s-sentenza u tordna l-izgumbrament tal-konvenuta.

18. Din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti oggettivament kellha fuqhiex tiddeciedi li fic-cirkostanzi tal-kaz in ezami l-konvenuta ma kelliex eccezzjonijiet xi tressaq.

19. Din il-Qorti ma tarax li hemm ragunijiet ghaliex hija ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti u ghalhekk l-aggravju fil-mertu qed jigi michud u s-sentenza konfermata.

**Decide**

---

[6] Dan kien il-mertu taz-zewg kawzi quddiem il-Prim' Awla li diga` saret referenza ghalihom.

23. Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-appell interpost mill-konvenuta appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta. Ai fini tal-izgumbrament it-terminu ffissat ta' tliet xhur jibda' jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------